**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 02

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 10 ta' Lulju 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

2.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 01

2.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ewwel laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

2.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

2.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.3.1 Is-Sindku, is-Sur Anthony Dalli rringrazja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff kollu ta kif laqawh matul l-ewwel ġimgħa tiegħu. Huwa faħħar lil l-*istaff* kollu ta' l-appoġġ kbir li tawh u ta' kemm jipprovdu xogħol ta' kwalita u effiċjenza kif għandu jkun.

2.3.2 Is-Sindku tkellem fuq il-Ġnien Rikreattiv fejn qal li għamel żjara f'dan il-ġnien u xejn ma ħa gost bl-istat ta' dan il-ġnien. Huwa qal li hemm problema ta' tisqija u din il-problema l-kunsill jista jsolviha billi jixtri pajp twil li jlaħħaq ma kullimkien. Dan il-pajp jiġi umbgħad imqabbad mal-pompa u b'hekk faċilment il-ġardinar ikun jista jsaqsi il-pjanti. Informa lil kunsilliera ukoll li fil-ġnien m'hemmx *irrigation system* pero s-Segretarju Eżekuttiv applikat għal din is-sistema b'permezz ta' skema mad-dipartiment.

2.3.3 Fil-ġnien hemm ħafna telqa u s-Sindku ressaq anke fuq il-mejda li jinbidlu l-bankijiet u anke jsiru bins ġodda adekwati. Żied jgħid li mhux il-bankijiet u il-bins tal-Ġnien Ċentru Rikreattiv biss iridu jinbidlu imma anke dawk li hemm fil-ġnien tal-Mirakli.

2.3.4 Is-Sur Dalli kompla jgħid li l-kmamar tat-toilets li hemm fil-ġnien ukoll ma jinstabux fi kundizjoni tajba u barra minn hekk il-bieb tat-toilets li qiegħed għal użu ta' nies b'diżabbilta ma jinfetaħx. Hemm ukoll kmamar li suppost huma tal-kunsill imma dawn ittieħdu minn terzi persuni u qed jiġu użati minnhom. Is-Sindku qal li, dak li huwa propjeta tal-kunsill għandu jibqa propjeta tal-kunsill u mportanti li nsibu l-kuntratt li kellu l-kunsill fuq dawn il-kmamar u nimxu minn hemm.

2.3.5 Fuq nota oħra, is-Sindku qal li avviċinah iċ-*chair person* ta' *Foundation of Tomorrow's Schools* rigward il-każ tal-*pitch* li hawn fl-iskola, għax dak il-*pitch* ser jispiċċa u l-futbol klabb, Lija FC, mhux ser ikun jista jagħmel aktar użu minnu. Huwa ta *update* lil kunsilliera kollha fejn infurmahom li Lija FC mhux ser ikunu jistgħu jagħmlu aktar użu mill-*pitch* tal-iskola għaliex l-iskola applikat għal permess tal-mepa biex itella u tibni *hall*.Is-Sindku qal li jekk il-kunsill dejjem jaqbel, Lija FC jixtiequ jagħmlu użu mill-*pitch* li l-kunsill għandu fil-ġnien. Dan il-*pitch* bħalissa jinstab fi stat diżastru u tal-futbol klabb lesti li jirranġawh u jagħmlulu l-manutenzjoni meħtieġa. Is-Sindku nieżel jarah dan il-*pitch* u kkonferma l-istat tiegħu. Huwa qal li jekk dan il-*pitch* jibda jiġi użat għal stħarriġ tal-futbol għat-tfal, apparti l-manutenzjoni tal-*pitch* irid ikun hemm ukoll użu ta' faċilitajiet ta' *toilets* adekwati u *dressing rooms.*

2.3.6 Is-Sindku qal li l-*pitch* jekk huwa tal-kunsill m'għandux ikun devolut lil ħadd u jibqa tal-kunsill dejjem. Il-Kunsill għandu jżomm id-dritt ta' x'ħin jinfetaħ u jintuża dan il-*pitch,* dan anke minħabba r-residenti li joqgħodu fil-viċinanzi. Għalhekk is-Sindku qal li l-pass li jmiss huwa li l-kunsill jagħmel ir-riċerki tiegħu u jieħu parir mingħand id-dipartiment u kif ukoll mingħand l-avukat rigward il-mod ta' kif irridu nipproċedu.

2.3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan il-parir diġa ġie akwistat mingħand id-dipartiment. Id-Dipartiment kien ta' parir li l-*pitch* jibqa devolut lil kunsill u terzi persuni jistgħu jagħmlu użu minnu biss jekk jingħata permess u dan il-permess għandu jingħata skond il-*byelaw* tal-użu tal-faċilitajiet li għandu l-kunsill. Rigward il-

manutenzjoni ta' dan il-*pitch*, il-kunsill irid jimxi mal-liġijiet tal-prokura u joħroġ sejħa ta' offerti għal din il-manutenzjoni, fejn l-irħas offerta umbgħad tiġi magħżulha. Fuq bażi ta' din l-informazjoni s-Sindku qal li mela l-pass li jmiss huwa li niltaqgħu mas-Sur Sant, li huwa iċ-*chairman* ta' *Foundation of Tomorrow's Schools* u ninfurmawh b'dan il-parir li ta id-dipartiment.

2.3.8 Is-Sindku tkellem fuq it-tlett ħaddiema tal-kunsill, fejn qal wieħed minnhom daqt jispiċċa u joħroġ bil-pensjoni, ieħor għandu problema jbatu bi daru u l-ieħor jidher kollox sew u jrid jirsisti biex jaħdem. Huwa qal li kellu talba mingħand persuna, is-Sur Marco Grech li jaħdem bi *shift* mal-Enemalta u ser jitlob ir-*release* ghax jixtieq jiġi jaħdem fuq barra bħala ħaddiem mal-kunsill. Hemm anke s-Sur Frankie Buttigieg li wkoll qed juri nteress biex jiġi jaħdem mal-kunsill u bħas-Sur Grech qed jitlob *release* mingħand l-Enemalta. Iż-żewġ persuni għandhom ċertu ħeġġa biex jaħdmu mal-kunsill u jekk jirnexxu jġibu ir-*release*, l-kunsill għandu ċans jakwista żewġ ħaddiema oħra.

## 2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

2.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 2.5 Firem fuq il-Kontijiet tal-Banek

2.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv xtaqet tinforma lil Kunsilliera kollha li nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju, 2019 is-Sur Dalli u hi kellhom appuntament mal-banek HSBC u BOV rigward bidla fil-firmatarji taċ-ċekkijiet. Iż-żewġ banek ġew mitluba biex is-Sindku preċedenti ma tibqax imniżla bħala waħda mill-firmatarji u biex mal-isem tas-Segretarju Eżekutiv,is-Sinjorina Pamela Borg issa jiżdied l-isem tas-Sur Anthony Dalli minn flokk, bħala Sindku elett ġdid.

2.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv aċċertat lil Kunsilliera li l-bidla fil-firmatarji mal-Bank tal-HSBC saret u kollox qiegħed sew. Din il-bidla mal-bank tal-BOV għadha qiegħda tiġi pproċessata u m'għandix tkun ta' problema u fil-jiem li ġejjien il-bank għandu jagħmel kuntatt mal-kunsill u jinfurmah meta il-bidla tkun ġiet approvata mill-head office.

2.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet ukoll biex jkollha aċċess għal użu ta' *internet banking* '*to view only*' ħalli faċilment tkun tista tara l-bilanċ eżistenti tal-kontijiet li għandu l-kunsill. Din il-proposta ġiet aċċettata unanimament mill-kunsill.

## 2.6 Korrispondenza

2.6.1 Is-Sindku poġġa fuq il-mejda rapport fuq korrispondenza li fih hemm inkluż imejls li jirċievi l-kunsill bejn laqgħa u oħra. Huwa nforma lil kunsilliera li għandhom il-liberta jmorru l-kunsill meta jridu u jitolbu biex jaraw il-file tal-korrispondenza fi aktar dettal.

2.6.2 Il-Kunsilliera kollha bdew jaqraw dan ir-rapport billi taw ħarsa lejn l-imejls li daħlu mill-ewwel ta' Lulju u kull minn kellu xi diffikulta għamel mistoqsija.

2.6.3 Il-Viċi Sindku, Daniel Mallia għamel domanda fuq korrispondenza rigward kwotazzjoni għal-apparat ta' sistema ta' irrigazzjoni. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmawh li dik il-korrispondenza għandha x'taqsam mal-ġnien Rikreattiv għaliex ħarġet skema mingħand id-dipartiment biex tgħin il-kunsilli japplikaw għal sistema ta' rrigazzjoni u l-kunsill ta' Ħal Lija kien fil-proċess li jġib kwotazzjonijiet għal din is-sistema biex ikun jista japplika. Infatti s-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-Kunsill ta' Ħal Lija ssottometta l-applikazzjoni tiegħu.

2.6.4 Il-Viċi Sindku għamel domanda oħra fuq korrispondenza rigward *rat infestation*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li dak sinjal li xi resident ikun għamel rapport fuq infestazzjoni tal-ġrieden u l-iskrivani jkunu għaddew dan ir-rapport lis-sanita.

2.6.5 Sakemm il-kunsilliera kienu qed iduru l-korrispondenza, is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsillier is-Sur Cini biex malajr kemm jista jkun jagħmel email address għaliex dan għadt m'għandux wieħed. Is-Sur Cini qal li għandu jagħmel *email address* fil-jiem li ġejjien.

2.6.6 Il-Kunsillier Joseph Zahra għamel mistoqsija fuq imejl b'*attachment* li rċieva mingħand il-kunsill rigward permess tal-Pama. Is-Sindku qal li huwa wkoll ra dik l-imejl u dik intbagħtet biex turi li hemm PA permit bi proposta li tinfetaħ triq oħra għall-użu tal-vetturi (entry only) minn Triq Waqqafa għal ġol-Pama. Fuq dan il-PA ġie ntavolat appell u dik l-ittra annessa, ntbagħtet bħala notifika biex jekk il-kunsill jixtieq ikun parti mill-kors tas-smigħ f'dan l-appell għandu jinforma lit-Tribunal tar-Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fi żmien 5 tijiem

tax-xogħol mid-data tal-ittra.

2.6.7 Il-Minority Leader,is-Sinjorina Farrugia għamlet domanda rigward il-korrispondenza tad-*dangerous pole* fi Trejqet Kjeriku Gakbu Abela. Hija qalet li dan il-*pole,* li huwa tal-GO, ilna nirrapurtawh żmien għax qiegħed mawweġ u perikoluz u għalhekk dan ma jistax jibqa kif inhu. Is-Sindku qal li rridu nagħmlu follow up fuq ir-rapporti li saru rigward dan u nibqgħu niġru wara tal-GO.

2.6.8 Il-Viċi Sindku, Daniel Mallia għamel mistoqsija fuq korrispondenza rigward kors fuq *mental first aid* li qed jiġi provdut mill-AKL. Is-Segretarju Eżekuttiv qaltlu li dan kien kors fuq saħħa u *mental health* offrut mill-AKL għall-istaff tal-kunsill.

2.6.9 Il-Kunsillier Joseph Zahra għamel domanda rigward korrispondenza fuq bankina Triq il-Wied u *zebra crossing*. Is-Sindku qallu li l-kunsill kiteb lil Fredrick Azzopardi, inġinier ta' Infrastructure Malta, biex jagħti kas li jsiru dawn iż-żewġ affarijiet fi Triq Naxxar fejn iċ-ċimiterju.

2.6.10 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia staqsa mistoqsija oħra fuq imejl li ġiet mibgħuta mingħand il-Meusac rigward *training* u s-Sindku infurmah li dan huwa *training* offrut lil l-istaff.

2.6.11 Is-Sindku għamel referenza għal korrispondenza bit-titlu 'mistoqsija fuq procurement Kunsill Lokali Ħal Lija' u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jingħata kopja ta' din l-email ħalli jtiha daqqa t'għajn.

2.6.12 Il-Kunsillier Cini għamel domanda fuq korrispondenza rigward ir-*Restoration* tal-*Belvedere Tower.* Huwa qed jistaqsi jekk ir-restorazzjoni mhux ser issir la tgħaddi l-festa jew qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv qaltlu li dik l-imejl kienet tinvolvi korrispondenza ma' l-MTA biex naraw meta ser isir it-Torri. Waqt il-Festa mhux ser isir żgur għax kif ikkonferma tajjeb is-sindku, tal-MTA informa lil Kunsill li għadt lanqas biss ħarġet it-tender għax-xogħlijiet ta' dan ir-restawr. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li diment li għadha ma ħarġitx it-tender, hija avżat lil MTA li f'Ħal Lija daqt ikun hemm il-festa u biex jekk joħroġ it-tender fil-jiem li ġejjin ix-xogħol ma jibdix fiż-żmien tal-festa iżda wara. Hija qalet ukoll li b'permezz ta' dik l-imejl iklarifikat ukoll ma' MTA jekk ir-restawr jinkludix fih ukoll tibdil fis-sistema tad-dawl li għandu it-torri bħalissa, kemm minn barra u kif ukoll minn ġewwa. MTA kkonfermaw li dan huwa nkluż ukoll fir-restawr. Is-Sindku qal li t-*target* tiegħu huwa li jiltaqgħa ma' *chairperson* tal-MTA biex inkelmuh ħalli nħaffu l-proċess biex isir dan ir-restawr wara il-festa.

## 2.7 Pjan ta' Ħidma

Rigward il-Pjan ta' Ħidma is-Sindku qal li hemm bżonn isir pjanar ta' ħidma li ser ikun qed jwettaq il-kunsill fil-ħames snin li ġejjin. Is- Sindku qal li din hija xi ħaġa li trid il-ħsieb u huwa qed jissuġġerixi li l-pjan ta' ħidma jkun qed jirrifletti il-punti msemmija hawn taħt:

- L-ewwel priorita hi li naħsbu fuq il-bini l-ġdid tal-Kunsill;
- Isir il-wiċċ il-ġdid bil-concrete imprint ta' parti mill-isqaq nru 2 fi Triq Preziosi;
- It-Traffiku fir-raħal speċjalment fi Triq Annibale Preca;
- Aktar dawl effettiv fil-pjazza;
- Tkomplija tal-pavimentar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni (mit-Torri l-isfel) u dan il-pavimentar jidjieq ħarira;
- Ir-Restawr tat-Torri;
- Tkomplija tal- wiċċ ta' Triq Fernand Grech u wiċċ ġdid għal Triq is-Salvatur;
- Isir wiċċ ġdid fi Triq il-Kbira u parti minn Triq Annibale Preca;
- Hemm bżonn nimirħu biex niksbu Fondi tal-Unjoni Ewropea;
- Naħdmu biex ikollna bankini aktar aċċessibli;
- Aktar infrastruttura bi ħsieb;
- Tiġi ndirizzata l-problema speċifika tat-traffiku fi Triq Annibale Preca;
- Għamara tat-triq ġdida, fil-Ġnien Rikreattiv u fil-Qasam tal-Gvern.

Il-kunsill qabel ma' dan il-pjan u s-Sinojrina Lorraine Farrugia xtaqet iżżid punt ieħor u hawn indirizzat lis-Sindku biex jinkludi l-proġett ta' *Norwegian Funds*. Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill għandu xi ħaġa bil-miktub fuq dan il-proġett intellawha waqt laqgħa u niddiskutuha imma qisu jidher li l-kunsill m'għandu xejn minn dan. Is-Sindku ser ikellem lid-Direttur Ġenerali huwa stess rigward dan il-proġett u ser jgħidlu biex jibgħat lil Kunsill id-dettalji kollha rigward dan. Is-sinjorina Lorraine Farrugia qalet biex anke ma ninsewx il-fondi li applikajna għalihom bl-għajnuna tar-Reġjun fuq il-ħitan tas-sejjieħ u hawnhekk is-sindku infurmaha li l-fondi għal dawn il-ħitan għadhom ma ġewx approvati. Il-Planning Authority permit biss sissa ġie approvat.

Wara dan is-Sindku qara xi punti li huwa pprepara kif xieraq u nvita lil Kunsilliera biex jekk huma għandhom xi ħsibijiet jew ideat oħra li jixtiequ jżiedu, liberi biex jagħmlu dan. Is-Sindku nforma li:

A. Il-Ħadd 14 ta' Lulju 2019 ser issir Quddiesa tal-Bidu tal-Leġislatura fi 9:30am. Waqt din il-quddiesa, it-talb tal-fidili ser jinqara mill-Viċi Sindku Daniel Mallia, u mill-kunsilliera Calcedonio Cini u Joseph Zahra. L-offerti għandhom jittellaw mis-Sindku Anthony Dalli, mill-Minority Leader Lorraine Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv Pamela Borg.
B. Il-Ħadd 28 ta' Lulju 2019 wara l-quddiesa ta' filgħaxija ser jingħata Ġieh Ħal Lija, waqt il-Novena.
C. It-Tnejn 29 ta' Lulju 2019 ser issir Quddiesa tal-Għaqdiet u
D. Il-Kunsill ser jorganizza attivita kulturali bl-isem 'Gozo by night'. Din kienet issir mill-Kappillan iżda din is-sena mhux ser jorganizzaha u għalhekk is-Sindku għandu ħsieb li din tiġi organizzata mill-Kunsill. Huwa qal li din is-serata ma tkunx tinvolvi biss ikla imma anke xi *tour* kulturali. Id-data pjanata għal din is-serata alissa ser tkun it-30 ta' Awwissu, 2019. Hawn is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija normalment fi Settembru wkoll torganizza ħarġa għal Għawdex u għalhekk ssuġġeriet li din issir bħal ma dejjem sar kull sena. Iżda s-Sindku qal li alissa aħjar niffokaw biss fuq il-ħarġa ta' Għawdex (Gozo by night) ta' Awwissu.

2.7.1 <u>Festa tas-Salvatur 2019</u>

2.7.1.1 Is- Sur Dalli qal li kellu diversi talbiet għaż-żmien tal-festa. L-għaqda tan-nar talbet għal kollaborazzjoni tal-Kunsill kif sar fi snin ta' qabel biex titħallas u tinġieb *fire engine* waqt li jkun hemm il-ħruq tan-nar. L-għaqda tan-nar għandha tapplika hi ma' CPD biex tinġieb *fire engine* u l-kunsill jħallas dan is-servizz la darba jkun ingħata.

2.7.1.2 L-Għaqda talbet ukoll biex il-kunsill ikopri l-ispejjes għall-għeluq ta' Triq tal-Għaqba waqt il-ħruq tan-nar. Din tajjeb li tingħalaq għas-sigurta ta' kulħadd u l-għaqda tan-nar għandhom japplikaw huma biex iġibu uffiċjal ta' TM għal waqt il-ħin tal-għeluq.

2.7.1.3 Is-Sindku kompla jgħid li ntalbet ukoll l-kollaborazzjoni tal-kunsill biex jiġu koperti l-ispejjes tal-meter tad-dawl fejn isir il-logħob tan-nar tal-art. Is-Sur Dalli qal li l-kunsill jidħol biss biex jgħin fl-ispiża tal-meter pero l-kunsill ma jistax jħallas ukoll il-konsum ta' dan il-meter kif ġie propost mill-għaqda tan-nar mal-kumplament tat-talba.

2.7.1.4 L-Erbgħa għaqdiet flimkien (Il-Każin San Pio X, il-Każin Sant Andrija, L-Għaqda tan-nar San Mikiel u l-Kumitat Festi Esterni) ser jorganizzaw BBQ nhar il-Ġimgħa 23 ta' Awwissu 2019 fil-pjazza u qed jitolbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fil-kiri tal-imwejjed u s-siġġijiet. Hawnhekk is-Sindku qal li peress li għal din is-sena l-kunsill mhux ser jorganizza xejn għal Ġieh Ħal Lija l-Kunsill igwadanja u mhux ser ikollu spejjes ħlief tal-plakka.Għalhekk qed jissuġġerrixi li l-Kunsill għandu jgħin lil għaqdiet b'din il-proposta. Huwa qal is-sena d-dieħla issa naħdmu differenti u f'Jum ħal Lija ninvolvu lil għaqdiet kollha fejn inħalluhom jorganizzaw serata mill-aqwa.

2.7.1.5 Is-Sindku għadda kumment u qal li hija ħaġa sabiħa meta ma jkunx hemm pika u l-għaqdiet jingħaqdu kollha flimkien meta tiġi organizzata xi attivita u huwa mportanti li l-kunsill jgħin f'dan il-għan. Għalhekk is-Sindku qal li ssa ser jagħmel kuntatt ma' xi ħadd li jista jtih prezz tajjeb jew jkun *sponser* ta' kiri ta' imwejjed u siġġijiet.

2.7.1.6 Il-Kunsill approva unanimament dawn it-talbiet kollha imsemmija fil- punti 2.7.1.1 – 2.7.1.5.

2.7.1.7 Is- Sur Dalli kompla jitkellem fuq il-festa u ressaq diversi ħsibijiet li huwa għandu rigward servizzi li għandhom jingħataw waqt il-ġranet tal-festa, f'ġieħ Kristu Salvatur.

2.7.1.8 Is-Sindku qal li jekk dejjem jaqbel il-Kunsill, nhar it-Tnejn 5 ta' Awwissu, jkun hemm servizz ta' żewġ gwardjani mill-5:00pm sa 1:00pm. Fl-ewwel siegħa bejn il-5:00pm – 6:00pm, gwardjan minnom għandu joqgħod fil-pjazza waqt il-ħin tat-Trasulazzjoni biex jara li ma jkunx hemm karozzi pparkjati u l-gwardjan l-ieħor joqgħod idur il-gabbani li hemm Vjal it-Trasfigurazzjoni u jara li għandhom il-permess tal-Kunsill kif suppost.

2.7.1.9 Bejn is-6:00pm/7:00pm dawn iż-żewġ gwardjani għandhom jingħaqdu flimkien u jinżlu Triq Sir Ugo Mifsud kantuniera ma' Triq Naxxar, ħdejn il-binja tal-Gvern biex ma jħallux vetturi jidħlu. Għandhom jħallu biss aċċess għar-residenti li joqgħodu fi Triq Sir Ugo Mifsud u l-Binja tal-Gvern.

2.7.1.10 Il-Kunsill approva s-servizz ta' żewġ gwardjani għal 5 ta' Awwissu, 2019.

2.7.1.11 Is-Sindku qal li ġie ukoll avviċinat mill-kumitat tal-festi biex il-Kunsill jagħti għajnuna biex jinfetħu xi ħofor li hemm miżduda fi Triq G.Barbara fejn isir in-nar ta' l-art. Huwa avża lil kumitat tal-festi biex alissa ma jmissu xejn minn dawn il-ħofor u qabel ma jaqbdu u jinfetħu trid l-ewwel issir *detection* b'apparat apposta ma jmurx

hemm xi *cable* għaddej minn taħt l-art.  Ser jmorru on-site is-Sindku u l-Viċi Sindku rigward dan.

2.7.1.12 Is-Sur Dalli żied jgħid li preparament importanti waqt iż-żmien tal-festa huwa li naraw li jkun hemm kollox f'postu dwar il-permessi u l-pożizzjoni tal-gabbani. Il-Kunsill irrid jara li hemm ordni fil-permessi u s-Segretarju nfurmatu li l-qtugħ tal-permessi tal-gabbani qiegħed inseħħ u diġa bdew jinġabru ħafna permessi.

2.7.1.13 Irrid ukoll ikun hemm ftehiem mal-Każini u l-*bars* kollha li joħorġu s-siġġijiet u l-imwejjed quddiem l-istabbilimenti tagħhom waqt il-ġranet tal-festa. Importanti li naraw li waqt il-purċissjoni ma jkunx hemm siġġijiet u mwejjed fit-triq u s-Sindku għamilha ċara li ser jitkellem mal-każini u l-*bars* kollha u dak inhar tal-festa ser ikun qed josserva b'attenzjoni li jimxu mal-kundizzjonijiet li tahom il-kunsill.

2.7.1.14 Kif sar dejjem is-Sindku qal li rrid ikun hemm servizz tajjeb ta' knis tat-toroq wara l-marċi. Infatti huwa qal li s-Sinjorina Pamela Borg diġa kelmet lil kuntrattur tal-knis biex jagħmel dan u kif din l-ispiża ta' knis *extra* tiġi approvata mill-kunsill, is-Sinjorina Borg ser tibgħat email lil kuntrattur bl-affarijiet kollha ta' tindif li huwa jrid jiprovdi għal waqt iż-żmien tal-festa.

2.7.1.15 Il-*Minority Leader*, Lorriane Farrugia, qed tesiġi biex ma ninsewx nikru bins għal waqt il-festa u s-Sindku nforma li diġa jaf b'dan il-kuntrattur u għandu jiprovdihom ukoll għax diġa kelmitu s-Segretarju Eżekuttiv f'dan ir-rigward.

2.7.1.16 Is-Sindku esiġa li l-ġbir ta' l-iskart għal 5 u s-6 ta' Awwissu rrid ikun lest sa nofs  in-nhar u mhux aktar tard. Għandna ngħidu lil kuntrattur b'dan u n-nies għandhom jiġu nfurmati b'avviż li għal dawk il-jumejn l-iskart ser jinġabar kmieni u biex ma jinħarġux boroz tard.

2.7.1.17 Il-Kunsill irrid ukoll jordna *scammel* u *sweeper stand by* għal 5 u s-6 ta' Awwissu. Dan biex jekk jfettilu jinqala xi ħaġa bħal eżempju tinħareġ borza tard jew ikun hemm xi ħmieġ fit-triq ikun hemm servizz *stand by* biex jaqdina f'dan ir-rigward.

2.7.1.18 Is-Sur Dalli qal li rrid isir knis u t-tindif frekwenti tal-pjazza u Vjal it-Trasfigurazzjoni waqt il-jiem tal-festa. Apparti l-knis u jekk hemm bżonn, issir anke *power wash* ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni. Is-Sur Dalli anke qal li s-Segretarju diġa kkuntatjat il-ġardinar biex jibda jaħseb biex jiżbor il-konok ħalli jkunu adekwati u dan ser jibda mill-ġimgħa d-diħla.

2.7.1.19 Il-Ħaddiema tal-Kunsill iridu jerġgħu jiżbgħu l-marki tat-traffiku fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u l-pjazza. Is-Sindku qal li riċentament il-ħaddiema tal-Kunsill tagħhom prova ta' friskar tal-marki tat-traffiku fi Triq San Liċinju. Huwa faħħarhom ħafna u qal li marru tajjeb u għamlu xogħol sew u wara din il-prova sar ftehiem mal-ħaddiema biex jifriskaw il-marki tat-traffiku tal-ġnub fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u l-pjazza. Il-Linji u sinjali tat-traffiku li hemm fin-nofs tat-triq m'għandhomx isiru mill-ħaddiema u jridu jsiru mill-kuntrattur tat-tabelli u sinjali. Il-Kuntrattur anke irid jagħmel il-marki ta' *slows, stops* u *speed limits* minn fejn tgħaddi l-purċissjoni u kif ikun qiegħed hawn idur ukoll il-marki tan-nofs fi Triq Annibale Preca.

2.7.1.20 Is-Sindku qal li tal-maħzen qed jitlobu tabelli ta' *no parking* quddiem il-maħzen għax jekk jipparkjaw il-karozzi ma jkunux jistgħu jagħmlu użu minnu waqt il-festa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dawn diġa ġew l-uffiċju għal *no parkings signs* u dawn it-tabelli ġew mgħottija lilhom mil-ewwel. Fuq din l-informazzjoni s-Sindku qal mela li ssa nistgħu ukoll nagħmlulhom tabella oħra li tgħid 'Jekk joġgħbok kun prudenti u tipparkjax hawn. Pieni għal minn jħalli l-vettura pparkjata'. Dan biex b'hekk ngħinuhom aktar lil tal-maħzen u n-nies forsi jibzgħu jipparkjaw.

2.7.1.21 Is-Sur Dalli qal li tal-festa talbu ukoll biex fi 2, 3 u 4 ta' Awwissu meta jsiru l-marċi ma jsir xejn parkeġġ fil-pjazza, iżda s-Sindku qal li mhux sew għar-residenti li tneħħi l-parkeġġ anke f'dawn il-jiem. Is-Sindku qal li l-parkeġġ m'għandux isir biss fl-4 ta' Awwissu mis-7:30pm il-quddiem. Jitneħħew biss il-parkeġġi quddiem iz-zuntier u dan minbarra ż-żewġ parkeġġi ta' persuni b'diżabbilta. Il-parkeġġi tad-diżabbilta m'għandhom qatt jiġu ostakulati, fl-ebda attivita.

2.7.1.22 Is-Sindku qal li hemm bżonn isiru ukoll *no parking signs* fi Triq il-Forn fejn tintrama l-kuruna tas-salib biex ma ssirilix ħsara.

2.7.1.23 Is-Sindku żied jgħid li jekk waqt iż-żmien tal-festa hemm anke bżonn ta' xi *patching* minn fejn tgħaddi l-purċissjoni, dawn isiru wkoll. Huwa ser jiċċekja rigward dan u jekk isib lil xi ħadd li jagħmel *hot patching* inqabdu lilu għax dan it-tip ta' *patching* ma jerġax jinqala.

2.7.1.24 Il-kunsill approva unanimament il-punti msemmija hawn fuq minn 2.7.1.11 sa 2.7.1.23.

2.7.2 <u>Ġieħ Ħal Lija 2019</u>

2.7.2.1 Is-Sindku nforma li Ġieh Ħal Lija għal din is-sena ser jingħata il-Ħadd 28 ta' Lulju, 2019 wara li tispiċċa l-quddiesa ta' filgħaxija.

2.7.2.2 Il-Kunsill irċieva ttra ta' nomina għal Ġieh HĦal Lija u s-Sindku qara din l-ittra lil Kunsill kollu. L-ittra tinnomina lis-Sagristan tal-knisja parrokjali ta' Ħal Lija, is-Sur Aaron Cuschieri.

2.7.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament fuq din in-nomina li ġiet proposta mis-Sindku Anthony Dalli u sekondata mill-kunsill kollu. Is-Sindku kompla jgħid li ssa l-Kunsill kull ma jrid jagħmel huwa li jordna l-plakka kif saret fi snin ta' qabel biex tiġi ppreżentata għal dan l-avveniment.

## 2.8 Vakanza ta' Uffiċjal Eżekuttiv

2.8.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li din il-vakanza alissa tiġi *postponed* u ssir statistika ta' kemm jidħlu nies fl-uffiċju ħalli niddeterminaw xi bżonn ta' vakanza hemm. Għas-sajf tista tiġi *postponed* peress li l-uffiċju tal-kunsill jiftaħ għal nofs ta' nhar biss.

2.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din is-sejħa diġa ħarġet l-ewwel interna fil-kunsill ta' Ħal Lija u peress li l-unika impjegata eliġġibli għal din is-sejħa ma applikatx, il-proċedura tkompliet billi din is-sejħa ġiet ippublikata ma' mal-Kunsilli Lokali u ir-Reġjuni kollha.

2.8.3 Il-Kunsill b'kollox irċieva applikazzjoni waħda ta' interess għal din il-vakanza. Minkejja dan is-Sindku kompla jistqarr li alissa din is-sejħa se tkun *postponed* u qal li d-diskussjoni rigward il-bżonn ta' vakanza għal uffiċjal Eżekuttiv ser titkompla aktar tard wara t-tmiem tal-laqgħa.

## 2.9 Titjieb tal-Uffiċini

2.9.1 Is-Sindku rrimarka li l-istaff tal-kunsill għandhom dritt li jaħdmu f'ambjent aktar diċenti milli hu l-uffiċju bħalissa. Huwa qal li l-ewwel nett l-uffiċji jrid jiġi żbarazzat u għalhekk hemm bżonn li nsibu post fejn nerfgħu ħafna mill-affarijiet li hemm fl-uffiċju.

2.9.2 Is-Sindku ressaq lista ta' affarijiet li hemm bżonn biex jinxtraw għal użu tal-kunsill. Fost l-affarijiet semma *air condition* għal isfel, kiri ta' *photo copier* A3, purtiera biex nisseparaw iż-żewġ kmamar ta' isfel, *coffee machine* aħjar, siġġijiet tal-kompjuter għall-istaff adekwati kif suppost għal ġid ta' saħħithom, jerġa jintrama l-uffiċju tas-sindku, jridu jitranġaw is-siġġijiet li jintużaw mal-mejda fejn issir il-laqgħa, il-kċina hemm bżonn li tiġi *upgraded*, jinxtraw żewġ arbli ma' bandiera ġdida tal-kunsill anke ma' bandiera ta' Malta għal mal-faċċata tal-kunsill, tiġi mweħla *flood light* biex tixgħel il-faċċata tal-kunsill, isiru *business cards* u *letter heads* ġodda, tiġi mweħla kaxxa akbar tal-ittri fejn nirċievu l-posta, jinxtraw u jitweħlu aktar nkwatri addatati fl-uffiċju tal-kunsill u *telephone system* aħjar għaż-żminijiet tal-lum. Rigward it-*telephone system*, is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandha ssib *package* tajjeb mingħand kumpanija li jkopri kemm linja ta' *telephone*, internet u *mobile*.

2.9.3 Infatti s-Sindku esiġa li hemm bżonn urġenti li jiġi kkrejat inventarju biex il-kunsill ikun anke jista jneħħi ċertu affarijiet żejda li hawn bla użu fl-uffiċju. Is-Sindku ser ikellem lil *accountant* fuq dan għax in-nuqqas ta' nventerju anke dejjem qiegħed jitniżżel kull sena fil-*management letter*.

2.9.4 Kif kien qed jitkellem fuq ċerti affarijiet li hemm bżonn jitjiebu fl-ufficċċini tal-kunsill, is-Sindku tkellem ukoll anke fuq titjieb li jrid issir fil-lokalita. Huwa qal li hemm bżonn jiġu ċċarati ħafna sinjali tat-traffiku fir-raħal bħal *slows, stops* u *speed limits.*

2.9.5 Semma ukoll tibdil fid-dawl tat- torri għaliex it-Torri kellu ħafna bozoz maqgħtuhin u kien qed jidher ikrah bil-lejl. Hawnhekk huwa rringrazja lis-Sinjorina Pamela Borg għax bis-saħħa tagħha dan reġgħa xegħel fi żmien ta' tlett ijiem. Lis-Sinjorina Pamela Borg, irringrazjaha wkoll talli għamlet kuntatt mal-Enemalta biex jixgħelu ż-żewġ fanali ornamentali li hemm quddiem il-knisja fuq iz-zuntier. Iżda rigward dan is-Sindku żied jgħid li jonqos biss xi ftit lampi minn dawn il-fanali ornamentali li mhux jixgħelu. Għandu jsir *follow up* fuq dan ma' Enemalta.

2.9.6 Is-Sindku qal li fil-Ġnien Rikreattiv irridu nibdew naħsbu għal bidla ta' bankijiet u bins u fil-ġnien tal-Mirakli hemm bżonn ikun hemm aktar kura tas-*soft areas* u tinxtara għamara ġdida.

2.9.7 Fil-qasam tal-Gvern irid ikun hemm bidla ta' bankijiet u tindif immedjat. Irid ikun hemm aktar żieda ta' dawl fit-toroq tar-raħal u titjieb fil-pjazza. Eżempju s-Sindku qal li ħafna mill-bozoz li hawn madwar ir-raħal iridu jinbidlu u jinxtraw bozoz b'aktar qawwa li juru aktar, inkluż il-fanali ta' *Transfiguration Avenue*. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia żiedet tgħid li fil-leġislatura ta' qabel hija kienet daret ir-raħal mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv fejn flimkien raw l-fanali ornamentali kollha tar-raħal, niżlu r-rotta fejn qegħdin u ħadu nota tal-fanali kollha li hemm bżonn jinbidlu.

2.9.8 Is-Sindku kompla jgħid li jrid żgur jitjieb l-andament tal-latrini li hemm kemm fil-pjazza u kif ukoll fil-ġnien. L-istat tal-latrini huwa wieħed diżastrus ħafna.

2.9.10 *Target* importanti ieħor huwa li l-kunsill irid jagħmel qtugħ tal-ħaxix kollu li hemm madwar ir-raħal għax dan wisq jagħti dehra kerha.

2.9.11 Il-Kunsill approva unanimament il-punti kollha diskussi f'din il-parti tal-laqgħa għax dan huwa fl-interess tal-lokalita. Dawn l-affarijiet għandhom jibdew isiru bilmob il-mod la tgħaddi l-festa tas-Salvatur.

## 2.10 Immaniġjar tat-Traffiku fi Triq Annibale Preca

2.10.1 Is-Sur Dalli, talab il-permess tal-kunsill biex bħala Sindku tar-raħal jiltaqgħa mas-Sindki ta' Ħal Balzan u Ħ'Attard fejn jiddiskutu l-problema tat-traffiku fi Triq Annibale Preca u kif ukoll biex forsi jiġu fi qbil bejniethom rigward x' jista jsir biex titaffa din il-problema.

2.10.2 Is-Sindku qal li ħafna nies avviċinawh u qalulu li Triq Annibale Preca idealment tkun *one way* il-fuq biss u ma jinżlux karozzi minn Triq Kananea fl-agħar ħin ta filgħodu, bejn 6:30am u 8:30am.

2.10.3 Is-Sindku qal li l-ewwel irridu naraw jekk mhux l-aħjar nagħmlu laqgħa man-nies u nispjegawhom x'inhu l-ħsieb tal-kunsill jew jekk inkella naqbdux u nibdew il-proċess. Il-Kunsill qabel unanimament li issir laqgħa mar-residenti ta' Triq Annibale Preca biss fi 22 ta' Lulju fi 7:00pm.

2.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja mal-*Head* ta' l-iskola Primarja u tara jekk tistax tofrilna s-sala bħala post fejn issir din il-laqgħa. Il-Kunsill approva wkoll li malajr kemm jista jkun jintbgħat avviż lir-residenti ta' Triq Annibale Preca ħalli jkunu nfurmati u jattendu għal din il-laqgħa.

## 2.11 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

2.11.1 <u>Kwotazjoni ADI Associates – Town Planner</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kwotazjoni mingħand ADI Associates għal servizz ta' *town planner*. Hija qalet li din it-*town planner* ser tkun qed tgħina billi kull ġimgħa tagħmel *review tal-planning applications* kollha u fejn hemm bżonn anke tiprepara xi *objections*, dan dejjem b'konsultazzjoni mal-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat u spjegat lil Kunsill ir-rati ta' ħlas għal dan is-servizz u spjegat li dawn huma rati vera tajbin u affordabli kkumparati mar-rati li l-perit ġieli talab lil kunsill biex jifformula ittra ta' oġezzjoni.

2.11.2 Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazjoni ta' ADI Associates għas-servizz ta' *town planner*. Din it-*town planner* għandha tiġi nfurmata biex tibda tagħmel review tal-permessi tal-ippjanar kollha f'Ħal Lija u b'mod urġenti għandha tibda taħdem fuq l-oġezzjoni ta' permess 5079/19 fi Triq il-Forn.

2.11.3 <u>SPI/SCI/11/2019 – Skema Għajnuna Finanzjarja għall-korsijiet ta' tagħlim 'Life Long Learning'</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skema SPI/SCI/11/2019 rigward Għajnuna Finanzjarja għall-korsijiet ta' tagħlim 'Life Long Learning'. Din l-iskema se tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża sa massimu ta' €2000. Il-Kunsill approva unanimanent li japplika għal din l-iskema.

2.11.4 <u>SPI/SCI/12/2019 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skema SPI/SCI/12/2019 rigward Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta. Hija spjegat li l-Kunsill ma jistax japplika għal restawr fuq monumenti li huma devoluti lil Kunsill u lanqas fuq knejjes. Il-Kunsill unanimament approva li japplika għal din l-iskema Il-kunsilliera għandhom jaħsbu ftit fuq dawk l-istawti jew monumenti kollha ġewwa Ħal Lija li għandhom bżonn restawr u jiġu fuq qbil li jagħżlu statwa waħda/monument wieħed ħalli l-kunsill ikun jista japplika kif xieraq. Waqt din id-diskusjoni

ssemmew l-istatwi ta' San Pawl u dik ta' San Ġużepp. Is-Sindku qal li l-Kunsilliera għandhom itellaw l-ideat tagħhom fuq dan ir-rigward fil-laqgħa li jmiss. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm ċans li l-Kunsill japlika sat-30 ta' Awwissu.

2.11.5 <u>*Opening Report Street lighting Tender* u Bord ta' evalwazjoni għat-*tenders Street lighting u Accountant + Accounting Technician*</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda *tender opening report* relatat mat-*tender* għas-servizz ta' *street lighting*. Hija spejgat li bħalissa l-kunsill qiegħed jiġi ofrut is-servizz ta' *street lighting* bi *direct order* u ma nistgħux nibqgħu hekk għalhekk kienet inħarġet sejħa għal dan is-servizz. Għal din is-sejħa kien hemm offerta waħda u din l-offerta tmur over il-*budget* ta' erba snin li għandu l-kunsill.

2.11.6 Is-Sindku ta' l-idea li din it-tender xorta tiġi aġġudikata u waqt l-aġġudikazjoni l-kunsill għandu jqabbel il-prezzijiet li kellu qabel fl-offerta antika mal-prezzijiet imniżlin fl-offerta l-ġdida. Fil-lista tal- BOQ ta' din l-offerta jaf li jkun hemm *items*/servizzi tad-dawl li l-kunsill m'għandux bżonn. Il-Kunsill qabel li mmexxu bl-aġġudikazjoni.

2.11.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għalhekk hemm bżonn li naprovaw 3 evalwaturi biex jaġġudikaw din it-tender. Hawnhekk is-Sindku qal li hemm żewġ verżjonijiet ta' kif jiġi evalwat *tender* u l-verżjoni l-propja għadt trid tiġi ċċarata mad-dipartiment. Verżjoni (A) tgħid li l-bord tal-evalwazjoni jrid ikun magħmul minn *chairperson* (li normalment ikun is-Sindku tal-kunsill), Segretarju( li idealment ikun is-segretarju eżekuttiv tal-kunsill) u tlett evalwaturi li jikkonsistu minn persuna teknika, persuna legali u *accountant* u dawn iridu jkollhom esperjenza fil-prokura u s-sistema tat-*tenders*. It-tlett evalwaturi biss għandhom vot waqt l-evalwazjoni u iċ-*chairperson* u s-segretarju josservaw biss. Is- Sindku qal li hemm anke verżjoni (B) fejn kunsilliera jistgħu jkunu wkoll jagħmlu parti mill-bord ta' evalwazjoni. Huwa qed isostni li fil-kunsill li kien qabel bħala evalwaturi ta' *tender* partikulari kienu ntagħżlu li joqgħodu żewġ kunsilliera tal-kunsill u persuna teknika barra mill-kunsill.

2.11.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm indikazzjoni (li għadha mhux daqshekk ċara) skond linji gwida li ingħataw mid-dipartiment li kunsilliera preżenti ta' kunsill, *'serving members of a contracting authority'* ma jistgħux ikunu evlwaturi għax dan se joħloq kunflitt ta' interess. Apparti minn hekk il-kunsill huwa responsabbli li l-evalwaturi li jintagħżlu jiprovdu l-esperjenza li għandhom fil-proċess tal-prokura.

2.11.9 Il-Kwistjoni ta' jekk kunsilliera jistgħux ikunu evalwaturi għadha trid tiġi kklarifikata sew u s-Segretarju Eżekuttiv ser tibqa tiġri wara d-dipartiment biex din il-kwistjoni tiċċara ruħha darba għal dejjem. Sa dan it-tant is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk il-kunsilliera bi ħsiebhom ikunu huma l-evalwaturi, hija għamlitha ċara li jridu jkunu jifhmu fil-proċess tal-prokura ,jkollhom *log-ins* personali u *'know how'* ta' kif jużaw is-sistema onlajn. L-irwol tagħha f'din l-evalwazjoni huwa dak ta' segretarju biss u ma jistax ikun li terfa r-responsabbilta li tkun hi li tgħallem lil Kunsilliera jagħmlu użu ta' din is-sistema. Min vera għandu interess ikun jaf aktar kif titħaddem is-sistema tal-prokura jista jattendi għal korsijiet apposta mad-dipartiment tal-kuntratti.

2.11.10 Is-Sindku qal li bħala evalwaturi għat-*tender* tad-dawl irid ikun hemm xi ħadd inġinier li jifhem fid-dawl u t-tnejn l-oħra jistgħu jkunu s-Sur Kenneth Brincat bħala persuna teknika u s-Sur Daniel Galea bħala *accountant.* Il-Kunsiller Calcedonio Cini jaf b'xi inġinier u ser ikelmu. Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat qalet li hija ma ssibx oġġezjoni diment li dan l-inġinier ikun jifhem fis-sistema tal-prokura. Il-Kunsill approva lil dawn it-tlett evalwaturi u għandha tinstab data meta ser issir l-evalwazjoni.

2.11.11 Is-Sindku tkellem fuq is-servizz ta' l-*accountant/accounting technician* u qal li bħalissa l-kunsill m'għandux tender għal dan is-servizz u qiegħed bi *direct order*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kunsill kien diġa ħareġ sejħa għal dan is-servizz u dak iż-żmien li nħarġet is-sejħa, skond struzzjonijiet tad-dipartiment, sejħa għal *accountant* u *accounting technican* setat toħroġ biss *in lots*. *Lot 1 Accountant* u *Lot 2 Accounting Technican. Bidder* jista jitfa offerta għaż-żewġ *lots* jew għal wieħed minnhom biss u trid tintagħżel l-irħas offerta minn *Lot 1* u l-irħas offerta minn *Lot 2*.

2.11.12 Waqt l-evalwazjoni ta' din it-tender il-kunsill kien iddeċieda li jħalli ż-żmien ta' din it-tender (90 jum) jiskadi għal fatt li s-Sindku preċendenti xtaqet li l-*accountant* u l-*accountant technican* ikunu l-istess persuna partikulari. Barra minn hekk f'dak il-perjodu ħarġet linja gwida mingħand id-dipartiment li tgħid li Kunsilli Lokali m'għadhomx aktar marbutin li joħorġu sejħa ta' *accountant* u *accounting technian* separati f'*lots* u jistgħu jgħaqdu ż-żewġ servizzi f'daqqa. Huwa anke għalhekk li l-kunsill iddeċieda li jieqaf bl-evalwazjoni u jħalli d-disgħin jum jgħaddu għax li toħroġ sejħa għal dawn is-servizzi f'daqqa tagħmel aktar sens.

2.11.13 Is-Sindku, is-Sur Dalli qed jgħid li din deċizjoni ħazina tal-Kunsill preċedenti u qed jissuġġerrixi li din tiġi evalwata kif ħarġet *in lots* ħabba l-fatt li wieħed mill-bidders li tefa l-offerta għaż-żewġ *lots* qed jċempel kważi kuljum isaqsi fiex waslet l-evalwazjoni. Il-Kunsill approva unanimament li titkompla l-evalwazjoni bl-istess

evalwaturi.

2.11.14 *Tender document – Street Sweeping*

L-*item* li jmiss jiġi diskuss kien id-dokument tat-*tender* tal-knis li ġie ppreparat mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din is-sena fi Settembru ser jiskadu tlett *tenders*, tal-knis, tal-perit u tat-tabelli u sinjali u b'hekk hija bdiet bil-preparazzjoni tat-*tender* tal-knis. Hija staqsiet lil Kunsilliera kollha biex ituh daqqa t'għajn u biex jekk iridu jżiedu xi kundizzjonijiet oħra huwa propju l-waqt li jagħmlu dan.

2.11.15 Is-Sindku qal li huwa diġa tah daqqa t'għajn id-dokument u għandu xi kundizzjonijiet li jixtieq iżied u talab lil kunsilliera biex xi darba jerġgħu lkoll isibu ġurnata u jpoġġu flimkien ħalli jiddiskutu ċertu affarijiet rigward il-knis. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li huwa anke mportanti li l-kunsilliera jaqblu kollha bejniethom rigward il-frekwenza ta' kemm il-darba ser jinkinsu t-toroq. Il-Kunsill approva dan id-dokument pero qabel jintbgħat għall-approvazzjoni tad-dipartiment ser jintbgħat lil kunsilliera ħalli kulħadd itih daqqa t'għajn u fejn hemm bżonn li tiżdied xi kundizzjoni fih, din issir.

2.11.16 *Waste Reduction Week*

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet fuq il-mejda tal-kunsill imejl mingżand *WasteServ* rigward applikazzjoni għal *european week for waste reduction* li ser issir bejn 16-24 ta' Novembru. Il-Kunsill approva li japplika u jidħol għal din l-inizjattiva. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'każ li jkun hemm bżonn ta' xi dettalji rigward din l-applikazzjoni hija naturalment ser terġa tavviċina lil Kunsill kollu għax id-deċiżjoni ta' kif jixtieq jipparteċipa f'din l-inizjattiva hija tiegħu.

2.11.17 Imejl fuq l-użu tal-*pitch* fi Ċentru Rikreattiv

L-*item* li jmiss kienet imejl li rċieva l-kunsill mingħand is-Sur Sant, iċ-*chairperson* ta' *Foundation of Tomorrow's Schools.* Din it-talba diġa ġiet imqajma waqt il-laqgħa fil-komunikazzjoni tas-Sindku iżda s-Sindku xtaq li l-imejl tinqara lil kunsilliera kollha u s-Segretarju Eżekuttiv hekk għamlet.

2.11.18 Kontijiet tal-Arms

Tresqu fuq il-mejda żewġ kontijiet ta' dawl ta'l-arms biex minn fuq is-sur Buhagiar (ex Segretarju Eżekuttiv) iduru fuq il-Kunsill Lokali. Wieħed mill-kontijiet huwa ta' *soft area* ta' Triq Robert Mifsud Bonniċi u dan il-kont għandu ammont ta' €974.11 li jrid jitħallas u l-kont l-ieħor ilu mit-2011 bl-isem *Christmas Decorations* li jinsab fil-pjazza Trasfigurazzjoni bi bilanċ ta €0.00.

2.11.19 Rigward dan il-Kunsill iddeċieda li nsejħu lis-Sur Buhagiar u naraw itinix spjegazjoni fuq xiex jitrattaw dawn iż-żewġ kontijiet.

2.11.20 Kwotazjoni ta' Culvert fi Triq Ġużeppi Portelli

Tpoġġiet fuq il-mejda kwotazjoni bi prezz ta' €380 biex isir *gutter* fil-bankina fi Triq Ġużeppi Portelli quddiem bieb nru 31. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia spjegat li hawnhekk fil-passt il-kunsill kien għamel bankina u l-bankina ġiet għolja aktar mill-għatba tal-bieb tar-resident. Kull meta tagħmel ix-xita minħabba l-għoli tal-bankina, lir-resident qed jidħollu l-ilma.

2.11.21 Is-Sindku qal li jekk hemm problema ovjament insolvuha u lir-resident ngħinuh. Pero l-ewwel qal li jrid imur fuq il-post u jara jekk il-problema mhijix biss qed taffetwa lil dan ir-resident jew inkella lil kull min joqgħod f'din it-triq u niproċedu minn hemm.

2.11.22 Kwotazjoni bandiera tal-Kunsill Lokali

Tpoġġew fuq il-mejda tlett kwotazjonijet biex tinxtara bandiera ġdida għal Kunsill Lokali. Il-Kunsill approva li mmexxu bl-irħas waħda.

2.11.23 Kwotazjoni għal *Air condition* għall-uffiċju isfel

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sissa irċevejna kwotazjoni waħda bi prezz ta' €920 u qiegħdin fil-proċess li nġibu aktar kwotazjonijiet. Il-Kunsillier Joseph Zahra ser ikellem lil xi ħadd li jista jtina kwotazjoni rigward dan. Il-Kunsill approva li kif is-Segretarju Eżekuttiv tirċievi 3 kwotazjonijiet hija tista tiproċedi bl-irħas waħda.

2.11.24 Talba *one meter double yellow lines* ma' garaxx fi Triq Mario Agius

Resident jixtieq jagħmel talba lill-Kunsill Lokali biex isiru l-*one meter double yellow lines* mal-ġnub tal-garaxx tiegħu fi Triq Mario Agius biex ikun jista jidħol u joħroġ minħabba li jekk tipparkja karozza eżatt mar-rampa dan ma jkunx jista joħroġ. Hu xtaq jgħid lil Kunsill li l-garazz tiegħu ssa qiegħed jintuża bħala garaxx għax fil-passat dan ma kienx.

2.11.25 Is-Sindku qal li huwa ser isejjaħ liż-żewġ residenti nvoluti f'dan il-każ biex ikellimom f'daqqa u forsi jinstab kompromess bejniethom.

2.11.26 <u>Tabella fi Triq Carmelo Farrugia</u>
Residenta fi Triq Carmelo Farrugia, qed tissuġġerixxi li jsiru tabelli quddiem id-djar bħal ma hemm f'Ħ'Attard (Kun Prudenti, Tipparkjax quddiemil-garaxxijiet tan-nies).

2.11.27 Il-Kunsill approva din it-talba unanimament u ser napplikaw għal dan ma' TM.

2.11.28 <u>Talba għal mera fi Triq Annibale Preca</u>
Irċevejna e-mail mingħand ir-residenti li joqgħodu fi *St. Michael's Court* fi Triq Annibale Preca fejn qiegħdin jagħmlu talba lill-Kunsill biex titwaħħal mera mal-faċċata tal-blokka mal-entratura tal-garaxxijiet għaliex ma jkunux jistgħu joħorġu bit-traffiku li jitla' fi Triq Annibale Preca kif ukoll qiegħdin jagħmlu talba lill-Kunsill biex jerġgħu jagħmlu l-bozza li kienet fi triq tagħhom li nqalgħet mill-Enemalta meta saret il-binja.

2.11.29 Il-Kunsill approva t-talba tal-mera u ser napplikaw għal dan ma' TM. Approva anke t-talba tal-bozza u l-kunsill għandu jara x'sar mill-bozza li kien hemm.

2.11.30 <u>Talbiet mingħand resident li joqgħod fi Triq Tal-Mirakli</u>
Resident jixtieq iressaq talba biex is-*sleeping policeman* li hemm quddiem il-bieb tiegħu tersaq eżatt mal-bankina għaliex min ikun għaddej bil-karozza biex ma jitlax fuq l-*sleeping policeman* jersaq lejn il-bankina u anke ġieli jitla' l-bankina. Hu xtaq ukoll jagħmel talba għal *sign dead end* biex teħel fi Triq tal-Mirakli fejn hemm il-mera faċċata ta' dar tiegħu no.5. Kif ukoll xtaq li jsir *T-sign* li triq ma tinfidx fi Triq tal-Mirakli, Ħal Lija.

2.11.31 Il-Kunsill approva li diment li l-ilma jxaqleb għan-naħa l-oħra tat-triq ma jsibx oġġezjoni li l-*isleeping policeman* tersaq eżatt mal-bankina. Fuq it-talbiet l-oħra l-kunsill għandu jerġa jkellem lir-resident.

2.11.32 <u>Talba *sleeping policeman* fi Triq il-Kbira</u>
Resident li joqgħod fi Triq il-Kbira jixtieq jgħaddi suġġeriment u talba lill-Kunsill biex isir *sleeping policeman* fi Triq il-Kbira ftit qabel il-garaxx tiegħu kif taqbeż il-posta fejn tinsab illum. Hu qiegħed jitlob din l-*sleeping policeman* għas-sigurta kemm tan-nies kif ukoll biex ikun jista joħroġ aktar *safe* mill-garaxx alavolja hu diġa għandu mera faċċata li juża ħafna. Dan għaliex il-karozzi jgħaddu bi speed qawwi ħafna.

2.11.33 Is-Sindku jaf li ftit ta' żmien ilu kien hemm talba oħra ta' *sleeping policeman* fl-istess triq naqra iktar l-isfel u ma ġietx approvata darbtejn mill-kunsill preċedenti. Huwa qal li ser jgħaqqad dawn iż-żewġ talbiet ta' *sleeping policemen* flimkien u anke ser ikellem liż-żewġ residenti f'daqqa.

2.11.34 <u>Talba biex isiru l-*parking bays* fi Triq Dun Ġuzepp Tanti</u>
Resident xtaq iressaq talba lill-Kunsill Lokali biex isiru l-*parking bays* fi Triq Dun Ġużepp Tanti, Ħal Lija.

2.11.35 Il-Kunsill approva din it-talba u ser naplikaw ma' TM.

2.11.36 <u>Talba gżal *U-Bar* fil-kantuniera ta' Triq Ġeraldu Azzopardi</u>
Residenta tixtieq tressaq talba lill-Kunsill Lokali biex isir tip ta' *u-bar* l-isfel mill-bankina fil-kantuniera ta' Triq Ġeraldu Azzopardi ma' dar tagħha qabel l-entratura li hemm tal-garaxxijiet għaliex kull darba qiegħdin jolqtulha l-faċċata.

2.11.37 Il-Kunsill għandu jmur fuq il-post jiċċekja dan.

2.11.38 <u>Talba għal *sleeping policeman* fi Triq il-Mitħna</u>
Resident qed jitlob biex issir *sleeping policeman* fi Triq il-Mitħna ftit qabel *id-drive- in* tiegħu.

2.11.39 Il-Kunsill approva dan u ser nipproċedu u napplikaw ma' TM.

2.11.40 <u>Talba għal *hand rail* fi Triq Annibale Preca</u>
Residenta tixtieq terġa tressaq talba biex isir *hand railing* fi Triq Annibale Preca fuq il-bankina ħdejn id-dar tagħha ħdejn 3 villages bar dan għaliex il-bankina għolja ħafna u ħadt ma jista jitla' fuqha alavolja hemm it-

turġin. Ħafna karozzi jgħaddu minn dik it-triq u għalhekk is-sitwazzjoni hija ta' periklu imenss.

2.11.41 Din it-talba ġiet approvata pero għandu ankel-ewwel imur is-Sindku fuq il-post jara.

2.11.42 <u>Talba ta' żewġ *bollards* fi Triq Sant Andrija</u>
Resident jixtieq jagħmel talba mal-Kunsill Lokali biex isiru 2 *bollards* ma' tarġa tiegħu. Id-dar tinsab fi triq Sant'Andrija.

2.11.43 Il-Kunsill approva din it-talba diment li l-*bollards* isiru fuq it-tarġa/bankina li għandu u MHUX fit-triq. Ir-resident għandu anke jkun infurmat biex iġib permessi oħrajn jekk hemm bżonn apparti il-permess tal-kunsill. Ir-resident huwa responsabbli tal-installazjoni ta' dawn il-*bollards* u għandhom isiru bl-ispejjes tiegħu.

2.11.44 <u>Imejl biex jitneħħew il-*parking spaces* fi Triq Annibale Preca</u>
Resident qed jitlob biex jitneħħew il-*parking spaces* ta' quddiem Villa Ateni fi Triq Annibale Preca.

2.11.45 Is-Sindku qal li din it-talba għandha tiġi *postponed* ħalli l-ewwel anke ssir l-laqgħa mar-residenti rigward it-traffiku fi Triq Annibale Preca.

**Il-Ħin kien 8:00pm u propju hawnhekk, b'kunsens tal-kunsilliera kollha, il-laqgħa ġiet estiża bi ħmistax il-minuta.**

## 2.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

2.12.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 7/19 li tinkludi l-ammont ta' €39.37 bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Ġunju 2019. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* jinsab mehmuż mal-iskeda.

2.12.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kif ukoll il-Petty Cash kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Mallia li kienu ssekondati mill-Minority Leader Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha.

## 2.13 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

2.13.1 Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda lista ta' permessi tal-ippjanar għall-attenzjoni tal-kunsill kollu.

2.13.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat din il-lista ta' permessi u l-kunsill unanimament approva li din il-lista tintbgħat lil lit-*town planner* tal-kunsill, biex tagħmel *review* ta' kull permess.

2.13.3 Il-Kunsill għandu jitlob lit-town planner biex tibda l-ewwel bir-*review* ta' PA/5079/19 fi Triq il-Forn u Triq id-Dejqa u tiprepara *objection* fuq l-ordni tal-Kunsill.

## 2.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

2.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.15pm.

2.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 30 ta' Lulju 2019 fil-5.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 30 ta' Lulju, 2019.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |